Australian Government
Department of Home Affairs

# Servizzi tal-Interpretar Bla Ħlas (Free Interpreting Service – FIS)

## TIBDIL TAS-SERVIZZI MINĦABBA L-COVID-19

L-użu ta' servizzi tal-interpretar ta' kwalità hu kritiku għall-persuni li m'għandhomx profiċjenza jew profiċjenza baxxa tal-lingwa Ingliża matul is-sitwazzjoni tal-COVID-19.

Il-persuni għandhom jużaw is-servizzi tal-interpretar fejn ikunu disponibbli.

Tgħallem dwar **il-COVID-19 u s-sintomi tiegħu (COVID-19 and its symptoms)**

## X'inhuma s-Servizzi Bla Ħlas tal-Interpretar?

Int tista' tuża s-Servizz Bla Ħlas tal-Intepretar jekk int:

- tinsab fl-Awstralja
- għandek kard tal-Medicare; u
- għandek ħiliet baxxi tal-lingwa Ingliża

## Kif naċċessja s-Servizz Bla Ħlas tal-Interpretar?

Il-provvedituri tas-servizz li ġejjin jistgħu jaċċessjaw is-Servizz Bla Ħlas tal-Intepretar għan-nom tiegħek:

- tobba privati
- spiżjara
- organizzazzjonijiet mhux governattivi
- aġenti tal-propjetà immobbli
- awtoritajiet tal-gvern lokali, bħal kunsilli lokali
- trejdunions; u
- parlamentari.

Għal aktar tagħrif dwar dawn is-servizzi, ara **hawn (here)**.

Il-provvedituri tas-servizzi li jidhru hawn fuq jistgħu jqabbduk ma' interpretu tat-telefon f'affari ta' ftit minuti, biex niżguraw li int tirċievi tagħrif u pariri fil-lingwa tiegħek.

## Interpreti

Jintużaw interpreti bil-kredenzjali mill-Awtorità Nazzjonali tal-Akkreditazzjoni tat-Traduturi u l-Interpreti (NAATI). L-interpreti huma marbuta b'kodiċi professjonali ta' etika li tobbligahom li:

- jinterpretaw eżatt u onestament it-tagħrif
- iżommu l-kunfidenzjalità
- ikunu imparzjali u oġġettivi; u
- jaġixxu b'mod professjonali l-ħin kollu.

Il-politika tas-Servizz Bla Ħlas tal-Interpretar (il-*FIS*) hi li jintużaw biss l-interpreti li għandhom l-ogħla kredenzjali li hemm. Għalhekk aħna ma nħeġġux lill-klijenti li jistaqsu għall-interpreti speċifiċi għal din ir-raġuni.

## X'servizzi joffri l-*FIS*?

- Interpretar bit-telefon minnufih. Dan is-servizz hu tassew utli għall-interpretar mhux ippjanat u jipprovdi:
    - aċċess għal aktar minn 3,000 interpretu f'aktar minn 160 lingwa
    - servizzi tal-interpretar 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa
    - konnessjoni ma' interpretu fi ftit minuti wara li ċċempel.
- Interpretar bit-telefon li jkun ibbukkjat min qabel.
    - Tkun ħaġa utli li jkun hemm interpretar ippjanat, jew jekk għandek bżonn titlob lingwa inqas komuni.